MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2011

Numru. 879/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi u**
**Spettur Bernard Charles Spiteri**

**Vs**

**KARMENU BORG**

**Illum 12 ta' Ottubru 2011.**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputat **Karmenu Borg** ta' tnejn u sebghin (72) sena, bin Salvatore u Antonia nee' Borg, imwieled H'Attard nhar is-27 ta' April 1939 u residenti gewwa 246 Lourdes, Triq Tumas Chetcuti, Attard, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 376439 (M) gie mressaq quddiemha nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta' Lulju 2011 u akkuzat talli:-.

1. F’xi hin bejn is-sebgha ta’ filghodu (7.00a.m.) tas-26 ta’ Mejju 2011 sad-disgha w nofs ta’ filghaxija (9.30p.m) tat-30 ta’ Mejju 2011 gewwa Triq Hal-Warda, H’Attard volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ vettura ta’ l-ghamla Mini Cooper ta’ kulur blu bin-numru ta’ registrazzjoni FBX 467, liema hsara ma hix aktar minn elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta’ David Philip Joseph Abela.

2. U aktar talli nhar il-21 ta’ Gunju 2011 ghall-habta tal-hdax neqsin ghaxra (10.50 p.m.) ta’ filghaxija w fil-granet ta’ qabel, gewwa Triq Hal-Warda, H’Attard, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ palm li kienu gewwa parapett, liema hsara ma hix aktar minn mija w sittax-il Ewro w sebgha w erbghin (€116.47) liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta’ Alfred Aloisio u persuni ohra.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi iddeposita waqqa’, qieghed jew xehet xi trab, hmieg, karta, irmied, cikka ta’ sigarett, zibel, kaxxa, bittija jew kull artikolu iehor jew haga ohra f’xi post pubblilku, triq, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access u/jew dan id-depositu jew thollija ma kienx awtorizzat skond il-ligi.

4. F’xi hin bejn is-siegha w nofs ta’ wara nofsinhar (1.30p.m.) tat-13 ta’ Lulju 2011 u s-sitta w nofs ta’ filghodu (6.30 a.m.) tal-14 ta’ Lulju 2011 gewwa Triq il-Mithna, H’Attard volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ vettura ta’ l-ghamla Toyota Auris ta’ kulur iswed bin-numru ta’ registrazzjoni FBZ 775, liema hsara ma hix aktar minn elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,1164.69) imma hija izjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta’ John D’Amato.

5. Talli nhar l-20 ta' Lulju 2011 f'xi hin bejn id-disgha neqsin kwart ta' filghodu (8.45 a.m.) u l-ghaxra ta' filghodu (10.00 a.m.) gewwa Triq Hal-Warda, H'Attard, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' vettura ta' l-ghamla Toyota Prius ta' kulur iswed bin-numru ta' registrazzjoni WIZ 577, liema hsara ma hix aktar minn elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta' Etienne Schembri Wismayer.

6. U aktar talli nhar l-20 ta' Lulju 2011 f'xi hin bejn id-disgha neqsin kwart (8.45a.m) u l-ghaxra (10.00a.m.) ta' filghodu, gewwa Triq Hal-Warda, H'Attard volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' vettura ta' l-ghamla Hyundai Accent ta' kulur ahdar bin-numru ta' registrazzjoni KAV 326, liema hsara ma hix aktar minn elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgha u erbghin centezmu (€116.47) liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta' Darren Muscat.

7. Talli nhar l-20 ta' Lulju 2011 f'xi hin bejn id-disgha neqsin kwart ta' filghodu (8.45a.m) u l-ghaxra ta' filghodu (10.00a.m.) gewwa Triq Hal- Warda, H'Attard volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' vettura ta' l-ghamla Seat Cordoba ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni VIO 111, liema hsara ma hiex aktar minn elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta' Ian Wright.

8. Talli nhar l-21 ta' Lulju 2011 f'xi hin bejn id-disgha (9.00 a.m) u l-hdax (11.00a.m.) ta' filghodu gewwa Triq Hal-Warda, H'Attard volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' vettura ta' l-ghamla Seat Cordoba ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni VIO 111, liema hsara ma hix aktar

minn elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta’ Ian Wright.

9. Talli nhar it-22 ta’ Lulju 2011 f’xi hin bejn il-hdax u nofs ta’ filghodu (11.30 a.m) u l-erbgha ta’ wara nofsinhar (4.00p.m.) gewwa Triq Tumas Chetcuti, H’Attard volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ vettura ta’ l-ghamla Toyota Land Cruiser ta’ kulur griz bin-numru ta’ registrazzjoni KIT 011, liema hsara ma hix aktar minn elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta’ Keith Gauci.

10. Talli nhar is-26 ta’ Lulju 2011 f’xi hin bejn id-disgha ta’ filghodu (9.00a.m.) u nofsinhar (12.00p.m.) gewwa Triq Tumas Chetcuti, H’Attard volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ vettura ta’ l-ghamla Hyundai Accent ta’ kulur ahdar bin-numru ta’ registrazzjoni KAV 326, liema hsara ma hix aktar minn elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgha u erbghin centezmu (€116.47) liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta’ Darren Muscat.

11. Talli nhar it-27 ta’ Lulju 2011 f’xi hin bejn id-disgha ta’ filghodu (9.00a.m.) u nofsinhar (12.00p.m.) gewwa Triq Tumas Chetcuti, H’Attard volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ vettura ta’ l-ghamla Toyota Land Cruiser ta’ kulur griz bin-numru ta’ registrazzjoni KIT 011, liema hsara ma hix aktar minn elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta’ Keith Gauci.

12. Talli nhar it-28 ta’ Lulju 2011 f’xi hin bejn id-disgha (9.00 a.m) u d-disgha w nofs (9.30a.m.) ta’ filghodu gewwa Triq Hal-Warda, H’Attard volontarjament hassar,

ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' vettura ta' l-ghamla Toyota Vitz ta' kulur ahdar bin-numru ta' registrazzjoni CGE 009, liema hsara ma hix aktar minn elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta' Kirsten Briffa.

13. Talli nhar it-28 ta' Lulju 2011 f'xi hin bejn id-disgha (9.00 a.m.) u d-disgha w nofs (9.30a.m.) ta' filghodu gewwa Triq Hal-Warda, H'Attard volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' vettura ta' l-ghamla Fiat Punto ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni BBX 472, liema hsara ma hix aktar minn elf mija erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€ 116.47) liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta' Natasha Grixti.

14. U aktar talli fit-28 ta' Lulju 2011 ghal-habta tad-disgha w nofs ta' filghodu (9.30 a.m.) iddeposita waqqa', qieghed jew xehet xi trab, hmieg, karta, irmied, cikka ta' sigarett, zibel, kaxxa, bittija jew kull artikolu iehor jew haga ohra f'xi post pubblilku, triq, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access u/jew dan id-depositu jew thollija ma kienx awtorizzat skond il-ligi.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2011, u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u dan fil-presenza tal-Avukat difensur nominat bl-ghajnuna legali u dan meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga' lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni

darba li l-Qorti ghaddiet biex tat kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom id-diversi okkorrenzi esebiti mill-Prosekuzzjoni, l-istqarrija ta' l-imputat rilaxxjata *a tempo vergine* tal-investigazzjoni nhar id-29 ta' Lulju 2011, u diversi ricevuti dwar il-hsara li huwa kkaguna.

Il-Qorti giet mgharrfa seduta stante nhar id-29 ta' Lulju 2011 li l-imputat jinsab ghaddej minn depressjoni kbira ghaliex kien tilef lil martu ftit xhur qabel u jinsab imdejjaq hafna.  Il-Qorti rat l-eta' tal-imputat u hasset il-htiega li tinnomina lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex tinvista lill-imputat  bil-ghan li thejji *pre sentencing report* u b'hekk tirrakkomanda liema hija l-piena idoneja.

Semghet lis-**Senior Probation Officer Miriam Sevasta** tixhed nhar l-20 ta' Settembru 2011 u tghid li hija ntervistat lill-imputat odjern regolarment minn mindu giet nominata, w tghid li l-imputat ghandu problemi ta' sahha w tispjega li l-imputat huwa persuna ghaddej minn depressjoni qawwija w qed ihoss in-nuqqas ta' martu bil-kbir. Tghid li hija tkellmet ma' wliedu li kienu ko-operattivi hafna maghha, tant li anke hadu lil missierhom jghix maghhom sabiex jaccertaw ruhom li qed jiehu l-medicinali li gew preskritti lilu mill-psikjatra.

Minn ezami tar-rapport tal-istess, jirrizulta dak kollu li l-Probation Officer qalet *viva voce* fil-Qorti, oltre dak li rrakomandat hi stess, u cioe' li l-imputat jinghata Probation Order filwaqt li jaghmel tajjeb ghad-danni materjali kagunati minnu.

Il-Qorti ezaminat il-fedina penali ta' l-imputat u jirrizulta li hija wahda b'diversi kontravenzjoijiet registrati fuqha, bl-

ahhar wahda pero' tirrisali ghas-sena 1984 meta nghata twiddiba mill-Qorti.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kap. 9 u l-Artikoli 3 u 9(1) tal-Kap. 206 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat KARMENU BORG hati tal-akkuzi kif minnu ammessi w tiddeciedi bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggih taht Ordni ta' Probation ghaz-zmien massimu permess mil-ligi ta' tliet [3] snin millum taht is-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-imputat igib ruhu tajjeb, billi joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jirrepetix incidenti simili ;**

**2. li l-imputat jibqa' jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**

**3. li l-imputat minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**

**4. Li l-imputat jghamel tajjeb ghad-danni soffferti minnu u dan bl-ghajnuna tal-Probation Officer, liema hlas ghandu jsir tul medda ta' zmien tul l-Ordni tal-Probation u dan fil-modalita' ordnata mill-Probation Officer wara li tara l-introjtu ta' l-imputat u tqis l-ammont ta' hsara li huwa kkaguna. Ghalhekk ghandha tipprepara *re-payment programme* ta' kif l-imputat ghandu jhallas lill-vittmi f'dan il-kaz u l-imputat ghandu jsegwi dan il-programm.**

**Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu ta' tleit [3] snin.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi**

**notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan il-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------